



Fra Ġorġ Micallef OFM Conv.



# L-Abbatini fil-Parroċċa matul iż-żmien



Meta l-kapitlu tagħna l-Patrijiet Franġiskani Konventwali tas-sena 2011, kien bgħatni f'din il-komunita ta' San Pawl il-Baħar, jien mill-ewwel kont ingħatajt l-inkarigu li nkun responsabbli mill-grupp tal-abbatini tal-parroċċa. U dawk li fl-2011 meta ġejt jien, sibthom abbatini, illum kibru tant li wieħed minnhom għadu kemm ingħaqad fis-sagrament taż-żwieġ. U ieħor qed jistudja t-teoloġija fl-univesita ta' Malta. Nifraħ meta nara lil dawk li kienu abbatini, li baqgħu tant qrib il-knisja u tagħna l-patrijiet. Eżempju ċar huwa ta' wħud li llum jinsabu fil-gruppi u l-kummisjonijiet tal-Parroċċa u kumitati tal-festa. Fraħt meta f' dan iż-żmien, tnejn minn dawn l-abbatini kien għaddew mill-ezami u marru l-Vatikan biex iservu hemm għal xahar fil-vaganzi tas-sajf fejn anke kellhom ix-xorti li jiltaqgħu mal- Qdusija tiegħu l-Papa.

Imma l-abbati min hu? U x'ihu x-xogħol tiegħu? L-abbati hu tifel li permezz tal-magħmudija sar ħabib ta' Ġesu u minn dak in-nhar ilu jimxi warajh. Bl-ilbies liturġiku li jilbes, jagħti s-servizz tiegħu lill-artal billi jwettaq id-diversi ħidmiet tiegħu biex jkun ta' għajnuna għas-saċerdot fil-quddiesa.

Dan l-aħħar ġiet f'idejja santa tal-ewwel vestizzjoni solenni tal-abbatini li saret fil-Parroċċa tagħna. Ma jfissirx li qabel din il-Vestizzjoni ma kienx hawn abbatini għax il-Knisja Parrokkjali kien ilha tiffunzjona sa mis-sena 1905. Pero din kienet l-ewwel vestizzjoni solenni u li saret fl-20 ta' Diċembru tas-sena 1959 fi zmien il-kappillan Patri Serafin

**L-EWWEL VESTIZZJONI SOLENNI TAL-PICCOLO CLERO**

TAL-KNISJA PARROKJALI MARIJA ADDOLORATA
S. PAWL IL-BAĦAR — MALTA

**20 ta' Dicembru 1959**

Kappillan: Rev. P. Serafin M. Galea O.F.M. Conv.
Direttur: P. Salv M. Mallia O.F.M. Conv.
Prefett: Charles Sant.

TAQSIMA PRINCIPALI

| I Grupp | II Grupp | III Grupp |
|---|---|---|
| E. Cornelius | C. Grima | V. Magro |
| E. Grech | J. Sant | J. Micallef |
| T. Grech | C. Mizzi | A. Balzan |

TAQSIMA RISERVI

V. Abela  J. Cilia  P. Perrone
T. Farrugia  S. Darmanin

TAQSIMA ASPIRANTI

M. Cassar  R. Sant
T. Sammut  St. John



Galea. Id-direttur tal-Abbatini kien Patri Salv Mallia u l-prifett kien Charles Sant. Kien is-sur Charles Sant innifsu li ġentilment għoġbu jibgħatli dawn ir-ritratti antiki u oħrajn magħhom fejn illum jinsabu fl-arkivju tal-parrocca. Naturalment il-vestizzjoni ta' Charles Sant (li llum jinsab l-Australia) tas-sena 1959 saret fil-knisja l-antika kif jixhdu sew ir-ritratti. F'ritratt ieħor nilmħu grupp ta' abbatini fil-bitħa tal-ewwel kunvnet fejn fost it-tfal l-oħrajn hemm Patri Mario Galea u Patri Joe Cilia fejn wara daħlu mal-patrijiet u llum jinsabu jistrieħu fi ħdan il-Mulej. Il-patrijiet tagħna dejjem ħadu ħsieb il-kura tat-tfal tal-parroċċa mhux biss tal-katekizmu li dejjem kien il-prijorita, imma fuq kollox li billi dejjem rawmu gruppi sbieħ ta Abbatini fejn barra li jservu l-artal u l-knisja, f'dak l-ambjent san tkun tista' tinbet is-sejħa għall-ħajja reliġjuza. Tant hu hekk li kull wieħed mill-Patrijiet ulied din il-parroċċa, xi darba jew oħra dejjem kienu abbatini meta kienu tfal sa kemm imbagħad għamlu l-pass li kien imiss, meta l-Mulej sejħilhom biex jkunu tiegħu u għalih fil-ħajja konsagrata lilu.



Kif diġa semmejt matul is-snin kienu diversi dawk l-abbatini li għamlu l-esperjeza ta' xahar jew ftit anqas fis-sajf ġewwa l-Vatikan, fejn anke jkollhom ix-xorti li jiltaqgħu mal-Papa nnifsu. Fl-imgħoddi it-tfal kienu aktar frekwenti fil-knisja.



Naturalemnt kien jsir aktar quddies minn dak li jsir illum għax kien jsir anke quddies fl-artali tal-ġnub. F' kull quddiesa possibilment kont issib dejjem xi abbati jew tnejn biex jkunu ta' ghajnuna għas-saċerdot. Barra l-quddies l-abbatini kienu jakkumpanjaw fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi bħal ngħidu aħna, l-għasar u l-Barka ta' filgħaxija u fil-purċissjonijiet kollha tal-parroċċa kif ukoll fil-vjatku li dak iz-zmien kien joħroġ aktar spiss u solenni minn kif inhu llum, għax illum ħafna mill-morda, jmutu l-isptar u mhux fid-dar kif kien jsir qabel. Ir-rispett lejn l-Ewkaristija kien wieħed kbir, għalhekk kull meta kien joħroġ il-vjatku, l-abbatini u xi fratelli u nies oħra kien joħorġu bil-fanali bix-xema' b mod speċjali jekk il-vjatku kien joħroġ fid-dlam. Abbati ieħor kien jkun fuq quddiem idoqq il-qanpiena biex jsejjaħ lin-nies tat-triq li ġej il-vjatku. Wħud minn dawn il-fanali għadhom jinsabu fil-mużew tal-parroċċa.



L-abbatini kieku jkun wkoll ta' għajnuna għall-fra sagristan biex idoqq il-qniepen. Din x'aktarx li l-abbatini dejjem rawha xi ftit jew wisq avventura. Dil-ġrajja tfakkarni meta jien ukoll kont abbati f Ħal-Qormi u ta' xi 8 snin kont tlajt indoqq il-qniepen tal-Knisja ta' San Ġorġ, imma ġara li



nduna l-Arċipriet ta' dak iż-żmien u tela' għalija u qlajt għajta mill-kbar għax beża li stajt naqa' jew inweġġa! Illum ngħid li kellu raġun! L-abbatini wkoll minn sena għall-sena jiġu magħzula biex jagħmlu l-priedka tal-Milied. Din jkun hemm bżonn li jitgħalmuha bl-amment u sa fejn naf jien kull abbati għamel l-isforzi tiegħu matul iż-żmien biex ħareġ priedka kif kien xieraq. Illum iż-żmien inbidel. It-tfal naqsu qatgħih mill-knejjes tagħna. Iċ-ċirkostanzi huma diversi u żgur li mhux se nidħol fihom hawn. Imma għall-grazzja t' Alla il-parroċċa tagħna tħaddan fiha grupp ta' 14 il-abbati Subien li l-etajiet tagħhom ivarjaw sew! Dan minħabba li għandha 2 abbatini adulti li anke jekk kibru ħassew li għandhom jibqgħu jservu l-artal.

Kull xahar nieħdu ħsieb li norganizzaw 2 laqgħat formattivi u krejattivi u wara l-laqgħa l-istess abbatini janimaw il-quddiesa tal-ġimgħa filgħaxija. Tkompla wkoll joħroġ il-fuljett "Il-ħolqa" ta' kull xahar li dan jkun jiġbor fih, messaġġ, il-programm ta' dak li jkun jmiss, l-awguri tal-birthdays ta' dak ix-xahar kif ukoll ir-roster tal-quddies tal-abbatini. F' kull quddiesa, u b mod speċjali fil-festi solenni, jkun kemm jkun armat sabiħ l-artal, imma mingħajr il-preżenza tal-abbatini jkun fqir wisq. L-Abbatini jsebbħu il-liturġija daqs il-kor u l-fjuri! J' Alla matul iż-żmien aktar tfal subien jkomplu jingħaqdu ma' dan il-grupp tal-abbatini tal-Parroċċa tagħna biex inkomplu dak li bdew ta' qabilna billi nieħdu ħsieb inservu fil-liturġiji tal-parroċċa għaziza tagħna. J'Alla wkoll il-grupp tal-abbatini jkompli jkun il-benniena tal-vokazzjonijiet franġiskani konventwali kien dejjem kien matul iż-żmien. F'isem il-kappillan u f'isimna l-patrijiet nixtieq insellem lil dawk kollha li xi darba servew ta' Abbatini fil-Parroċċa tagħna u l-dawk mejtin nitolbu l-Mulej jagħtihom il-premju li ħadmu għalih. Nagħmel appell lil dawk it-tfal subien li jixtieqi jingħaqdu mal-grupp tal-abbatini tagħna, għandhom jagħmlu dan billi javviċinaw lili jew inkella lil kappillan. Nixtieqilkom ilkoll il-festa t-tajba.